MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 75/1990/1

**David Anastasi u Joseph Stivala**

**-vs-**

**Dominic Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta’ Jannar 1990 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fil-31 ta’ Diċembru 1988, l-attur Joseph Stivala kien ġie misruq mid-dar tiegħu “Duntia”, Anthon Schembri Street, Kappara u fost affarijiet oħra, kienu nsterqu: a) Żewġ Gandlieri ta’ fidda antika, b) Sett tat-te’ ta’ fidda antika ta’ tliet biċċiet, u c) Kaffettiera tal-fidda antika;

Illi fis-6 ta’ Mejju 1989, l-attur David Anastasi kien ġie misruq mid-dar tiegħu “L-Ankrott”, Triq is-Sejjiegħ, Swieqi

u fost affarijiet oħra kien insteraq Sett tat-Te’ ta’ tliet biċċiet tal-fidda antika manifatturata fl-Ingilterra;

Illi f’nofs Mejju tas-sena 1989, iż-żewġ atturi kienu ġew informati minn Spetturi tal-Pulizija biex imorru d-Depot il-Furjana ħalli jaraw jagħrfux oġġetti tal-fidda li kienu għadhom kemm ġabru waqt *“search”* minn proprjeta’ li rriżultat li kienet tal-konvenut;

Illi meta marru d-depot, iż-żewġ atturi difatti għarfu b’mod pożittiv u definit bħala tagħhom l-oġġetti rispettivi ndikati hawn fuq li kienu nsterqu mid-djar rispettivi tagħhom fil-ġranet imsemmija;

Illi minn dakinhar li għarfu l-oġġetti rispettivi tagħhom fid-Depot, l-atturi ppruvaw jieħdu lura dawn l-istess oġġetti pero’ r-risposta tal-Pulizija dejjem kienet illi l-ewwel irid jitressaq il-persuna nvoluta quddiem il-Qorti Kriminali;

Illi, *nonostante* tali identifikazzjoni pożittiva da parti tal-atturi, l-oġġetti hawn fuq indikati ġew mgħoddija lura għal xi raġuni jew oħra lill-konvenut, u ċjoe’ lill-istess bniedem għand min kienu ġew elevati l-istess waqt is-*“search”* tal-Pulizija;

Igħid għalhekk l-istess konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:-

1) Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f’:
a) żewġ gandlieri tal-fidda antika,
b) sett tat-Te’ ta’ fidda antika ta’ tliet biċċiet, u
c) Kaffettiera tal-fidda antika, li kienu ġew mgħoddija lill-konvenut mill-pulizija huma di proprjeta’ tal-attur Joseph Stivala;

2) Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f’sett tat-Te’ ta’ tliet biċċiet ta’ fidda antika manifatturata fl-Ingilterra li kienu ġew mgħoddija lill-konvenut mill-pulizija huma di proprjeta’ tal-attur David Anastasi;

3) Konsegwentement tordna li l-oġġetti appartenenti lill-attur Joseph Stivala jiġu ritornati fi żmien immedjat mill-konvenut Dominic Micallef lil Joseph Stivala;

4) Konsegwentement tordna lill-konvenut Dominic Micallef jirritorna fi żmien immedjat l-oġġetti appartenenti lill-attur David Anastasi.

5) Tordna lill-konvenut jew il-konsennatarju jekk ikun il-każ, iqiegħed l-oġġetti kollha msemmija f'din iċ-ċitazzjoni taħt il-kustodja tal-istess Onorabbli Qorti waqt l-andament ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' mandat ta' inibizzjoni u ta' mandat ta' qbid kawtelatorju t-tnejn datati 19 ta' Jannar 1990 kontra l-istess konvenut li minn issa huwa nġunt biex jidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, Dominic Micallef preżentata fit-23 ta' Frar 1990 fejn ġie premess illi:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Illi l-oġġetti tal-fidda in kwistjoni jappartjenu lill-eċċipjent. Huwa għandu fil-pussess tiegħu provi inkonfutabbli li l-oġġetti tal-fidda tassew jappartjenu lilu. Dawn il-provi huwa wrihom fid-dettall lill-Pulizija, riferibbilment għal kull oġġett li huma staqsew dwaru. Difatti l-eċċipjent għandu f'idejh irċevuti lokali u esteri li jikkorrispondu ma' kull wieħed mill-oġġetti in kwistjoni.

(b) Illi qabel ma l-Pulizija rritornat l-oġġetti tal-fidda lilu, għamlet verifika akkurata ta' kull irċevuta u kkontrallat mas-sidien tal-ħwienet li rrilaxxaw l-irċevuti.

(c) Illi wħud mill-oġġetti jidhru f'fotografiji li jirrisalu għal żmien ferm qabel id-dati tal-allegati serqiet.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ġie eċċepit:

Illi l-atturi qegħdin jallegaw illi l-oġġetti tal-fidda li japparjentu leġittimament lill-konvenut, ġew misruqa mingħandhom.

Illi b'hekk huma qegħdin jallegaw illi l-konvenut huwa ħati ta' serq jew ta' riċettazzjoni, u qegħdin igħidu dan pubblikament u b'dan il-mod qegħdin jagħtu malafama lill-konvenut.

Illi a bażi tad-dikjarazzjonijiet foloz minnhom magħmula, huma ottjenew b'qerq il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 79/90 kontra l-konvenut, li bih huwa ġie inibit milli jittrasferixxi taħt kwalunkwe titolu u bi kwalunkwe mod l-oġġetti tal-fidda in kwistjoni.

Illi b'dan l-aġir l-atturi kkaġunaw u qegħdin jikkaġunaw danni lill-konvenut.

Jgħidu l-atturi David Anastasi u Joseph Stivala għaliex dina l-Qorti m'għandhiex:

1) Tiddikjara illi huma ottjenew il-ħruġ tal-imsemmi mandat b'qerq u konsegwentement tiddikjara l-Mandat nru 79/90 null u bla effett u tordna t-tħassir tiegħu;

2) Tiddikjarahom responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-konvenut b'riżultat tal-imġieba llegali tal-atturi;

3) Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-konvenut;

4) Tikkundanna lill-atturi jħallsu lil Dominic Micallef dik is-somma li tiġi dikjarata bħala dovuta *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Protest tad-9 ta' Frar 1990, u bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-atturi huma nġunti in subizzjoni.

Rat li l-atturi ma ppreżentaw ebda eċċezzjonijiet għall-kontro-talba tal-konvenut;

Rat l-atti proċesswali, inkluż ir-relazzjoni maħlufa fil-21 ta' Novembru 2011 tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace, nominat permezz tad-digriet mogħti fil-21 ta' Novembru 1990;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat;

Il-provi li ġew migbura naturalment mill-perit legali. Il-Qorti se tirriassumi l-istess xhieda fi ftit kliem:

*"Il PROVI*

*6. L-ewwel ma xehed kien l-attur Joseph Stivala segwit mill-attur David Anastasi.*

*<u>Joseph Stivala</u> beda billi kkonferma dak miġjub fid-**Dikjarazzjoni** akkompanjanti l-Premessi u t-Talbiet fiċ-ċitazzjoni – ara para 2 supra.*

*Joseph Stivala jsemmi speċifikatament:*

*<u>a)</u> Żewġ gandlieri ta' fidda antiki*

*<u>b)</u> Sett tat-te' ta' fidda antika ta' tliet biċċiet*

*<u>c)</u> Kafattiera ta' fidda antika*

*Fil-każ ta' David Anastasi, dan ikkonferma li, fost ħwejjeġ oħra, kien insteraqlu sett tat-te' ta' tliet biċċiet tal-fidda antika tal-Ingilterra.*

*7. Joseph Stivala kompla li, wara avviż tal-Pulizija biex jiġu identifikati oġġetti misruqa li l-Pulizija kellha f'idejha, hu mar u fost il-ħafna oġġetti murija lemaħ l-oġġetti tiegħu msemmija. Fil-fatt l-ewwel ma kienet marret martu, qaltlu x'lemħet u mbagħad mar hu l-għada. Dawn oġġetti li kien ilhom f'daru 17-il sena u kienu ngħataw lil martu minn ommha. Martu kienet anke semmietlu xi sinjali fihom. Ma jafx lil min kien kellem fil-Police H.Q. pero' wara sar jaf li l-investigazzjoni kienet f'idejn l-Ispettur (wara Sup u issa rtirat) Joseph Valletta. Qalulu li kienu ser iressqu lil xi ħadd il-Qorti u ma setgħux jirritornawlu l-oġġetti.*

*8. Finalment, bid-data tat-18 ta' Jannar 1990 irċieva ittra mingħand A M Tommasi għall-Kummissarju (Ref AMT/101/90) li kienet (Dok P) tgħid:-*

*The silver articles which you identified at Police Headquarters were seized from the possession of Dominic Micallef of "Sandringham", Sir Ugo Mifsud Street, Ta' Xbiex and were eventually returned to him after proof of ownership was made to the Police.*

*9. Lil David Anastasi sar jafu fil-Police H.Q. fl-istess ċirkosanzi ta' identifikazzjoni u meta eventwalment sar jaf li dan kien ser imexxi bil-Qorti, issieħeb miegħu.*

*10. Fl-okkażjoni tas-serqa (hu ma kienx kopert b'assikurazzjoni) kienet saret inkjesta u mar għandhom il-Maġistrat.*

*11. Hu kien għadda lill-Pulizija ritratti tal-oġġetti li kienu ttieħdu f'xi okkażjoni u dawn ġew jidhru.*

*12. In kontro-eżami ġie mistoqsi x'marki semmietlu martu u hu qal li "kienu li ħallew il-plattin tal-gandlier, li qed nuri lill-perit legali, warajhom". Hu ma kienx jagħrafhom li huma tiegħu iżda l-mara kellha konoxxenza tagħhom. Qaltlu wkoll li l-kafettiera kellha ż-*

*żennuna ftit mgħattna. Fuq il-gandlieri kienet saret xi tiswija u parti minnhom ma bdietx tleqq. Martu qaltlu li kienet qalet b'dan lill-Pulizija qabel bdiet l-identifikazzjoni.*

*13. B'riferenza għat-tressieq fil-Qorti ta' xi ħadd li semmielu l-Ispettur Valletta, dan żied li l-persuna nvoluta (semma lil Dominic Micallef li Stivala ma kienx jaf) kienet ser tfittixhom għal malafama.*

*14. Ma kienx hemm oġġetti oħra li huma ta' Stivala u ta' Anastasi, qalu t-tnejn, li kienu tagħhom.*

*15. **David Anastasi** kkonferma dak li qal l-attur Stivala dwar kif spiċċa jkunu l-Police H.Q. u kkonferma d-Dikjarazzjoni in kwantu din tikkonċerna lilu. Hu għaraf it-tliet biċċiet tiegħu (para 6, supra). Wara mar ma' martu u din ukoll identifikat l-oġġetti, mill-ħafna fidda antika li kien hemm. Quddiemu, l-Ispettur Valletta jew Vella Gregory ċempel lil xi ħadd u qallu "is-serqa ta' Anastasi solvejniha". Eventwalment staqsa lill-Ispettur Vella Gregory settax jirtira s-sett u qallu le, qabel jitressaq xi ħadd il-Qorti. Għamel appuntament ma' l-Ass. Kumm. Pawlu Attard u dan għarrfu li kienu ser iressqu l-Qorti lil ċertu Dominic Micallef (li sa ma xehed ma kienx jaf min hu). Anke fil-każ tas-serqa tiegħu kienet saret Inkjesta mill-Maġistrat.*

*16. Hu kien kopert b'assikurazzjoni, pero' l-kumpanija ma ħallsitux meta għarrafha li s-sett kien instab u kien għand il-Pulizija. Bħala Dok P(1) esebixxa ritratt meħud fid-29 ta' Novembru 1986 qabel martu ħarġet għat-tieġ. Hu ndikat bi vleġġa. Kien rigal tat-tieġ ta' missierha u kien xtrah fl-1962. Kien jiswa, skond ma qallu dan, oltre LM1,000.00c*

*17. <u>Juliet Stivala</u> qalet li nsterqu lejliet l-ewwel tas-sena 1988/89. Iddettaljat hekk:-*

*"Sibna neqsin settt tat-te' tal-fidda ta' erba' biċċiet konsistenti f'tea pot, coffee pot, milk jar, sugar basin u antique sugar tray ġo – "sugar basin". Kollox "sterling silver" (sett tat-te u kafe' bil-manku iswed). Kollu kemm*

*hu kien rigal tat-tieġ tal-mama'. Naf mnejn inxtara u għandi riċevuta. Kien aġent b'uffiċċju ġo Vincenti Bldgs.*

*Dan is-settt jidher elenkat meta ommi qasmet bejnha u bejnietna t-tfal wara l-mewt ta' missieri u lili s-settt tatuli fl-okkażjoni tat-tieġ.*

*Ħadulna Oval Centre Piece ta' li "sterling silver" u sett antik ta' żewg kandilabri b'seba' "holders" kull wieħed. Dawn "sterling silver".*

*Il-Kandelabri meta neħħew ix-xema, baqa' "holder" li jien qed nurih lill-Perit Legali; kif ukoll nuri qiegħ ta' wieħed mill-Kandelabri, li sibna fl-art, naħseb waqgħet waqt l-iżvolġiment tas-serqa. Dawn nobbliga ruħi li nżommhom għal kull direttiva li ttini l-Qorti.*

*Barra dawn insterquli oġġetti oħra tad-deheb. Fidda li semmejt biss.*

*18. Qabel daħlet għall-identifikazzjoni fil-Police H.Q. lill-Ispetturi qaltilhom b'xi partikularitajiet / difetti u meta daħlet osservaw "iva". Meta staqsietx setgħetx tieħu l-oġġetti wieġbuha li bħala ried jiġi ħaddieħor. Semmewlha "finger prints" tagħha, pero' dawn qatt ma ttieħdulha. Darba waqt li xi l-10:00 p.m. kienet il-Police H.Q. tipprova tkellem lill-Kummissarju, l-Ispettur Valletta qalilha li l-oġġetti kienu ttieħdu u qabadha attakk isteriku.*

*19. In kontro-eżami qalet li lilhom naqsuhom tliet affarijiet biss: par gandlieri b'seba' friegħi kull wieħed; sett tat-te' b'4 biċċiet (teapot, coffee pot, sugar basin bit-tongs antiki, milk jug) għal "centre piece" żgħira. Riċevuta kellha biss ta' din tal-aħħar u kienu tawhielha ħuha u martu rigal tal-"engagement". Is-sett ma kellux gabarre taħtu.*

*20. Għaddiet biex esibiet Dok XX (1) kopja tar-riċevuta tas-"centre piece", Dok XX (2) dikjarazzjoni t'ommha, Lina Camilleri, li għaddiet lill-pulizija. Fil-bidunett, fingerprints kienu ħadulha.*

*Żiedet: Il-Kummissarju kien jgħidli li jien ngħid li l-oġġetti tiegħi u ħaddieħor jgħid li huma tiegħu.*

*21. **Patricia Anastasi** kkonfermat li kienu nsterqulhom zukkariera, teira u buqar tal-ħalib (ara Dok P1), rigal tat-tieġ tal-ġenituri u li tiftakarhom għandhom is-snin. Xi ġimgha wara s-serqa ċemplulhom il-Pulizija biex jaraw fil-Police H.Q., oġġetti minnhom elevati. Indunaw mill-ewwel bl-oġġetti tagħhom. Mas-sett tagħhom kien hemm kuċċarina li ma kienetx tagħhom. Meta saru jafu li l-Pulizija taw lura l-oġġetti lil xi ħaddieħor, infetħet il-kawża odjerna.*

*22. L-**A.I.C. Joseph Barbara**, missier Mrs Anastasi xehed li sar jaf bis-serqa dlonk li saret għax kienu għarrfuh bintu u żewġha. Ikkonferma li l-oġġetti misruqa kienu rigal tat-tieġ lil bintu mingħandu u mingħand ommha. Fidda antika sett tat-te tliet biċċiet, zukkariera, teira u buqar tal-ħalib. Kien xtara s-sett LM100 f'irkant u mill-ewwel offrewlu għalih LM200 Azzopardi l-ġojjellier.*

*23. Is-**Sup. Raymond Gregory** qal li hu kien jifforma parti mis-"Serious Crimes" fi ħdan is-CID. Hu kien Spettur flimkien mal-Ispettur (wara Sup.) Joseph Valletta u kellhom f'idejhom il-każ ta' Stivala u Anastasi.*

*Kompla hekk:*
*Kellna struzzjonijiet mill-allura Sup. Jos. Psaila CID biex flimkien miegħu mmorru nagħmlu tfittxija fid-dar ta' Dominic Micallef, SANDRINGHAM, Sir Ugo Mifsud Street, GŻIRA. It-tfittxija kienet in konnessjoni mas-serqa tal-corazza tal-Madonna ta' Caraffa mill-Kon Kattedral ta' San Gwann.*

*Waqt li konna fil-fond imsemmi, jien kont ngħatajt struzzjonijiet biex immur nagħmel tfittxija ġo fond fi Triq il-Kappuċċini, Furjana. Din kantina ta' xi ħadd Xuereb.*

*Allura jien tlaqt f'nofs it-tfittxija għand Micallef u ma mortx lura hemm.*

*24. Żied hekk:-*
*Meta mort lura l-uffiċċju sibt in-nies tagħna deħlin bi kwantita' ta' oġġetti, fosthom oġġetti tal-fidda.*

*Kien ġie deċiż li dawn l-oġġetti jintwerew fil-Police H.Q. lill-istampa biex min kellu nteress jidentifika xi ħaġa jiġi, jekk naturalment ikun il-każ.*

*Fil-fatt ġew għadd ta' nies fosthom xi ħadd mill-familja Stivala. Li niftakar żgur li kellimt xi drabi wara lill-konjuġi Stivala hawn preżenti. Dawn allegaw li fost l-oġġetti murija kien hemm xi oġġetti tagħhom.*

*Qed nara ritratt u kopja tal-istess f'idejn Dr. Fenech Adami u nikkonferma li dan juri parti mill-imwejjed bl-affarijiet fil-Police H.Q. għall-wirja. L-istess ritratt inġieb fl-istampa.*

*Naf fiċ-ċert li kienu identifikaw par gandlieri. Dwar oġġetti oħra m'inix ċert. Jien l-aktar li kkonċentrajt fuq il-gandlieri għax qalu li kellhom xi ħaġa li biha setgħu jidentfikawhom. Jidhirli xi qiegħ. L-istess gandlieri kienu esebiti minni l-Qorti fl-awla tal-Maġistrat (illum Imħallef) David Scicluna. Jidhirli li esebejnihom f'din l-awla għax il-Maġ. Scicluna kien il-Maġistrat inkwirenti meta saret serqa fid-dar ta' STIVALA.*

*25. Il-Maġistrat Scicluna, Maġistrat Inkwerenti, kien sema' x-xhieda u ħatar esperti forensiċi. Meta dan il-Maġistrat ġie elevat għall-ġudikatura, issuċċedih il-Maġ Silvio Meli (illum Imħallef) u dan ikkonsenja lura l-gandlieri lil Dominic Micallef. L-oġġetti l-oħra ġew konsenjati lil Micallef, b'ordni tal-Qorti wkoll, qabel.*

*Ma jafx bil-konklużjoni tal-esperti forensiċi, jekk kien hemm.*

*Jaf ukoll bl-identifikazzjoni li saret mill-konjuġi Anastasi.*

*26. Żied hekk:-*
*Naf li l-konjuġi Micallef kienu pproduċew riċevuti ta' diversi oġġetti.*

*Is-Seizing Officer kien is-Sur Psaila u allura hu biss sata jagħti l-ordni ta' rilaxx (apparti xi struzzjonijiet li seta' kien hemm minn uffiċjali Superjuri għalih). Aħna l-ispetturi, ma kienetx kompetenza tagħna.*

*27. **__Dominic Micallef__** beda biex qal li x-xhieda tiegħu tgħodd għal din il-kawża u dik Cit. 75/90. Wara li rrefera għall-kawża Ċit 648/89/JA **"Micallef vs Lucchese"** li issa hi deċiża u għaddiet in ġudikat, spjega hekk:-*

*"Fil-qosor u bħala sfond ngħid li oriġinarjament Lucchese kien ġie sabni biex jissellef xi flus mingħandi. Jien sliftu. Wara ċertu żmien sibt ruħi nvestigat mill-Pulizjia, preċiżament saru raids f'dari ġo Ta' Xbiex mnejn ġew elevati diversi oġġetti, anzi kulma sabu ta' valur. Kif irriżulta fil-kawża **"Micallef vs Lucchese"**, dan kollu sar mill-Pulizija wara tagħrif mogħti lilhom minn Lucchese (ex Pulizija). Meta ġew staqsew oriġinarjament għal 3 oġġetti misruqa mill-Kon-Kattedral ta' San Ġwann. Naturalment ma nstab xejn minn dan. Il-Pulizija telqu u wara ftit siegħat reġgħu ġew, fittxew mill-ġdid għall-oġġetti ta' San Ġwann u reġgħu telqu. Ftit siegħat oħra wara reġgħu ġew u qaluli li kien hemm ordni li jittieħed kulma hemm fid-dar u hekk sar. Waqt li qed jelevaw dawn l-oġġetti għidtilhom li kont preparat nagħti l-provenjenza ta' kull oġġett, riċevuti, ritratti, video, eċċ. B'danakollu l-Pulizija ġarrew kollox.*

*Ġo dari daħlu diversi membri tal-Korp iżda bħala fizzjali niftakar lill-allura fizzjali **Joseph Psaila, R. Vella Gregory** u possibbilment Joseph Valletta. Anzi dwar dan tal-aħħar m'inix daqstant ċert.*

*Ittieħed saħansitra d-deheb tal-familja.*

*28. Din l-operazzjoni ħadet minn kmieni wara nofsinhar sa tard fil-għaxija. Sar inventarju ta' dak elevat. Żammewh fiċ-ċella u kellmuh l-għada fil-għodu l-uffiċjali Vella Gregory, Valletta u Psaila.*

*Żied hekk:-*

*Waqt l-interrogazzjoni bdew jindikawli, l-Pulizija, li kull oġġett kienu identifikawh nies li qalu li kien tagħhom u jien immieri u bdejt ngħidilhom li nippruvalhom.*

*Jien issupplixxejt riċevuti u waqt li jien arrestat, il-Pulizija marru fil-ħwienet mnejn ġew rilaxxati r-riċevuti u vverifikaw li kienu in order. Kien hemm rigali tat-tieġ li dehru fuq video tat-tieġ li jien tajt lill-Pulizija.*

*Wara li l-Pulizija ħadu t-tagħrif kollu minni, telquni u sadattant l-affarijiet baqgħu hemm.*

*Niftakar li kelli xi oġġetti mogħtija lili minn familjari (mhix kwistjoni ta' tieġ). Għidt b'dan lill-Pulizija u huma vverifikaw ukoll.*

*29. Dwar l-oġġetti misruqa ta' Stivala u Anastasi xehed hekk:-*

*"Qed niġi mistoqsi mill-Perit Legali jekk lili semmewlix il-kunjom STIVALA u l-kunjom ANASTASI. Irrid ngħid li meta qaluli li nies identifikaw xi oġġetti elevati bħala ħwejjiġhom ma semmewx kunjomijiet. Naf pero' li f'xi stadju l-Pulizija enfasiżżaw fuq tliet oġġetti partikulari u semmew lil STIVALA u ANASTASI. B'danakollu qatt ma sar xi konfront. Il-Pulizija qaluli li l-oġġetti li nsistew fuqhom STIVALA u ANASTASI kienu għadhom kemm ġew rappurtati misruqa. Mnejn sar is-serq ma qalulix għalkemm stajt nassumi li sar minn xi dar.*

*Hawnhekk ippreżentajt lill-Pulizija ritratti li ħadt fil-festa tal-griżma jew preċett tat-tifel u wara, u dana fid-dar li kelli qabel fi Blata l-Bajda. Din l-okkażjoni kienet xi erba' snin qabel il-Pulizija ġew f'dari ġo Ta' Xbiex. Dan qed ngħidu għax dawk l-oġġetti kienu jidhru fir-ritratti li ttieħdu erba snin (forsi izjed) qabel.*

*Xhur wara, l-Pulizija bagħtu għalija, iktar minn darba, u bdew jirritornawli xi oġġetti elevati. Kliem xejn, ħlief li "dan tista' tieħdu". Eventwalment il-Pulizija rritornawli kollox. Kien hemm xi affarijiet li l-Pulizija reġgħu talbuni lura iżda wara rritornawhomli mill-ġdid.*

*30. In kontro-eżami qal, b'referenza għal domanda li speċifikat l-oġġetti li Stivala u Anastasi qalu li kienu tagħhom, kif ġej:-*

*"Meta l-Pulizija semmewli dawn l-oġġetti għall-ewwel darba jiena kont taħt arrest. Jien qatt ma identifikawli l-oġġetti fil-preżenza tal-atturi.*

*Lili l-Pulizija qatt ma rrinfaċċjawni bl-atturi in persona.*

*Mistoqsi dawn l-oġġetti għadhomx fil-pussess tiegħi ngħid li għal raġuni ta' sigurta' ma nixtieqx inwieġeb din id-domanda.*

*M'għadhomx tiegħi. Lili qatt ma sarli sekwestru.*

*M'għadhomx tiegħi. Il-mara ma rieditx tarahom iżjed minħabba l-esperjenza li għaddejna minnha.*

*Nassumi li dan sar wara li bdew il-kawżi ċivili pero' nirrileva li wara li l-Pulizija kienu lesti u anke tlestejt minn żewġ maġistrati."*

*31. Dwar fejn huma l-oġġetti llum hu qal dan:-*

*"Mistoqsi nafx li kont ġejt servut b'mandat ta' qbid kawtelatorju datat 19 ta' Jannar 1990 ngħid li ma nafx b'dan (Mandat Inib. 79/90/FD u ta' qbid 80/90). Mistoqsi nafx li għamilt proċeduri biex jitneħħew il-mandati ngħid li ma nafx. Ma nafx f'idejn min l-oġġetti qegħdin. M'għandix għalfejn inkun naf. Ma nkunx naf lil min begħthom lil min ser ibiegħhom.*

*L-oġġetti nbiegħu lill-istess persuna. M'għandix idea. Naf li waħda Taljana. Ma nafx li għandha ħanut. Ma nafx għadhiex Malta. Ġieli ġiet ma xi turisti u xtraw mingħandi. Ma nafx x'jisimha. Naf li toqgħod l-Italja.*

*Oriġinarjament iltqajt magħha f'ħanut l-Italja.*

*Ma kontx nafha. Introduċieni ħabib. Ċertu Signor Barbagallo. Dan jiġi Malta. Hi kienet dilettanta tal-fidda u porċellana. Ġiet Malta ma' raġel. Sa fejn naf għandi ġew wara ġimgħa.*

*Ġew jaraw l-oġġetti l-ħanut u fil-garaxx tad-dar. Ħallsuni mingħalija cheque u flus kontanti. Jidhirli Barclays.*

*Ma nafx kif iddisponejt bic-cheque: sarraftux jew ħallastx bih."*

*32. Mhux veru li l-gandlieri tiegħu kellhom neqsin il-biċċtejn li ntwera fis-seduta. Żied:-*

*"Mistoqsi għala neħħejt l-oġġetti ngħid li ħadd ma żammni.*

*Lill-Pulizija tajthom video u ritratti tat-tieġ li juru dawn l-oġġetti."*

*33. Ma jafx il-Pulizija qabblux l-oġġetti murija fil-video tiegħu mal-oġġetti murija fil-video tal-atturi."*

Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Micallef vs Lucchese"** li ġiet deċiża fl-25 ta' Ottubru 2010 minn din il-Qorti kien xehed l-ex Kummissarju tal-Pulizija George Grech u l-ex Supretendent Joseph Psaila li qalu li kienu nkarigati biex jagħmlu t-tfittxija fid-dar ta' Micallef f'Mejju 1989 mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien Alfred Calleja.

Illi l-Qorti tħoss li ma tantx għandha x'iżżid mal-konklużjonijiet tal-perit legali, meta dan ikkonkluda b'dan il-mod:

*"III KONKLUŻJONIJIET (dwar il-kawża)*

*39. Quddiem il-Qorti ma jreġux suppożizzjonijiet u suspetti iżda biss provi mgħarbla kif trid il-liġi in civilbus. Hu f'dan id-dawl li wieħed irid iħares lejn il-provi messqa fil-kawza odjerna u dik marbuta magħha Cit. 110/90/JA u kif sar f'dik ġja' deċiża, Cit. 648/89/JA. Anqas biżżejjed l-"aktarx" li hu differenti mill-id quod plerumque accidit.*

*40. Fis-sentenza ta' din il-Qorti, tal-5 ta' Ottubru 1992 fl-ismijiet* ***"Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat"****, insibu "fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verżjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilanċjati, li kull waħda tista' tirriżulta plawsibbli u veritjiera u ma tirriżultax dik iċ-ċirkostanza determinanti li tissoda l-konvinċiment tal-Qorti favur teżi u mhux l-oħra, ma jibqax leċitu għall-ġudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabbiltajiet. Jeħtieġlu jasal biss għall-konklużjoni li l-attur ma jkunx sodisfaċentement u konkludentement ipprova t-talbiet tiegħu – actore non probante reus absolvitur".*

*41. Għalkemm dak li jiġri fil-Qorti Kriminali hu distint minn dak li jiġri fil-Qorti Ċivili fuq l-istess każ jew fatti, hu floku li l-Qorti Ċivili ma tinjorax senz'altro u aprioristikament dak li jiġri fil-Qorti Kriminali. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' April 2004 Cit. 1583/01/TM* ***"Josef Farrugia vs Thomas Tanti"*** *insibu li m'hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti b'dana li l-ġudizzju in sede penali jikkostitwixxi biss waħda mill-provi – għalkemm prova importanti. Naturalment fil-każ preżenti għandna proċeduri ta' Inkjesta tal-Maġistrat.*

*42. Din il-kawża u l-oħra magħquda magħha jduru ma' ħames ġrajjiet li huma dawn:-*

*A. Fil-31 ta' Diċembru 1988 il-konjuġi Stivala sfaw vittmi ta' serqa minn darhom fil-Kappara. <u>Fost affarijiet oħra</u> naqsulhom a) żewġ gandlieri ta' fidda antika, (b) sett tat-te ta' fidda antika magħmul minn tliet biċċiet, u (c) kafettiera ta' fidda antika.*

*B. Fis-6 ta' Mejju 1989 lill-konjuġi Anastasi nsterqulhom, minn darhom fis-Swieqi, fost ħwejjeġ oħra, sett tat-te' ta' tliet biċċiet tal-fidda antika manifatturat l-Ingilterra.*

*C. Wara li membri tas-CID kienu marru fid-dar tal-konjuġi Micallef f'Ta' Xbiex aktar minn darba u staqsew għal xi oġġetti u ma sabu xejn, fil-11 ta' Mejju 1989 saret*

*tfittxija kbira preċeduta minn żgass, immexxija mill-allura Sup tas-CID Joseph Psaila. Din saret fuq imbekkata tal-"informer" tal-pulizija Joseph Lucchese. Dan, u l-Ingliż Sean Blake (residenti Malta) u "kollaburatur" tal-Pulizija waqt it-tfittxija kienu fl-inħawi, erba' passi bogħod u kienu huma li taw l-indikazzjoni tal-fond. Il-Pulizija ġarru kulma sabu ta' valur minkejja l-protesti ta' Micallef li qal li kellu riċevuti u provi oħra fosthom video li juri r-rigali tat-tieġ tiegħu, dwar il-pussess leġittmu ta' kull oġġett elevat. Dominic Micallef dam jumejn arrestat qabel ġie rilaxxat u din il-ġrajja tifforma l-bażi tas-sentenza ta' din l-Onor Qorti, kif preseduta, tal-25 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet Cit 648/89/JA* ***"Dominic u Rienee Micallef vs Joseph Lucchese et"****. F'din il-kawża l-atturi xlew inter alia lil Joseph Lucchese (ex PC) bi frame up u spiċċat b'eżitu favur l-atturi.*

*D. F'nofs Mejju 1989 kien tħabbar fl-istampa li l-Pulizija kellhom għall-wiri, fil-Police H.Q., oġġetti maħsuba misruqa elevati mingħand diversi nies u talbu lil kull min kellu nteress imur il-H.Q. għall-fini ta' possibbli identifikazzjoni. Il-Pulizija anke kkuntattjat derubati ndividwalment, fosthom lill-atturi odjerni u dawn identifikaw l-oġġetti speċifikati fil-parti A u B supra.*

*E. Kienet saret inkjesta mill-Maġ. Inkwerenti Dr. David Scicluna u meta dan ġie elevat għall-Ġudikatura kompliha l-Maġ. Dr. Silvio Meli (illum Imħallef ukoll). L-<u>oġġetti kollha</u> elevati mingħand il-konjuġi Micallef ġew konsenjati lura lilhom mill-Pulizija, <u>fuq ordni tal-Qorti</u> wara li mill-verifiki li saru mill-Pulizija u mill-Qorti rriżultat prova tal-pussess leġittmu tal-oġġetti da parti ta' Micallef. Hawn issir riferenza għad-Dok P esebit minn A. M. Tommasi f/Commissioner fejn għarraf lil Joseph Stivala li l-oġġetti li huma kienu jgħidu li kienu tagħhom treġġgħu lura lil Micallef after proof of ownership was made to the Police.*

*43. Ta' min jinnota li permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni nru 79/90/FD fl-ismijiet* ***"David Anastasi u Joseph Stivala vs Dominic Micallef"*** *(notifikat lil Micallef fl-24 ta' Jannar 1990) dan Micallef ġie inibit milli jittrasferixxi, taħt kwalunkwe titolu l-oġġetti ndikati*

*"appartamenti lil Anastasi u Stivala". Rikors ta' Micallef għar-revoka ta' din l-ordni ġie miċħud (Dok FA1). Minkejja dan, Micallef ttrasferixxa l-oġġetti lil negozjanta Taljana li ma settax jati ndikazzjonijiet speċifiċi tagħha u anqas ta' data (ara xhieda ta' Micallef, para 31 supra).*

*44. Meta wieħed iwieżen sew il-provi prodotti f'din il-kawża iħabbat wiċċu ma' żewġ rakkonti, verżjonijiet, li la tista' taqbad u malajr twarrab u tarmi waħda u anqas l-oħra. Qabel xejn ta' min jinnota li llum din il-Qorti ma tistax tara b'għajnejha dawk l-oġġetti li kienu f'idejn Micallef u li l-atturi jsostnu li huma oġġetti misruqa mingħandhom. Ta' min jiddeplora li dan it-trasferiment sar wara li l-kawża odjerna ġiet imdaħħla l-Qorti fit-2 ta' Frar 1990 u dik Ċit 110/90 mill-atturi tal-lum kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru tal-Ġustizzja ġiet imdaħħla fis-26 ta' Jannar 1990. Dan ma tantx jitfa' dawl sabiħ fuq Dominic Micallef. Min-naħa l-oħra dan il-fatt ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti mhux mertu ut sic f'din il-kawża u wisq inqas hu quddiem l-esponent perit legali. Anqas jidher li l-atturi ċċaqilqu f'din id-direzzjoni. Hu x'inhu, ma tistax tbarri senz'altro dan kollu mill-assiem tal-provi basta li kollox jinżamm fil-proporzjon proprju tiegħu.*

*45. L-esponent ikompli jirrifletti hekk: "Meta tqis ix-xhieda tal-konjuġi Anastasi u tal-konjuġi Stivala l-ewwel ma trid li tneħħi kull simpatija naturali lejn id-derubati li tista' ddellillek l-appezzament tal-provi. Meta tagħmel dan tasal biex toqrob tikkonvinċi ruħek li s-sewwa qiegħed fuq in-naħa tagħhom <u>salvi provi kontrarji</u> u meqjus il-prinċipju li Ei incumbit probatio qui dicit non qui negat."*

*46. Hawnhekk issa nduru fuq il-verżjoni ta' Micallef rigward il-provinjenza leġittma tal-istess oġġetti misjuba mill-Pulizija fil-pussess tiegħu u għandu jitqies dan:-*

*a) L-oġġetti li nstabu għand Micallef u li l-atturi identifikaw bħala tagħhom kienu fost <u>ħwejjeg oħra li nsterqulhom</u> u li dwarhom Micallef ma daħalx fl-istorja.*

*b) Meta għandek Maġistrat Inkwerenti li ma setax jikkonkludi, mqar prima facie ("hemm provi biżżejjed" hi l-*

*frażi wżata ħafna f'dawn iċ-ċirkostanzi) li dak li qalu l-konjuġi Anastasi u Stivala hu b'ċerta saħħa minnu, din hi ndikazzjoni serjissima li Anastasi u Stivala ma ssoddisfawx lill-Maġistrat Inkwerenti avolja f'dak l-istadju hu ma jagħtix, għax mhux dmiru, ġudizzju definitiv. Fl-inkjesta kienu tqabbdu wkoll esperti forensiċi. Hawnhekk ukoll iridu jitħarsu d-drittijiet kostituzzjonali ta' dak li jkun għax mhux għalkemm wieħed jitressaq il-Qorti <u>u mbagħad naraw, fl-aħħar mill-aħħar x'jirriżulta</u>. Veru li l-Maġistrat Inkwerenti ma tax deċiżjoni ta' assoluzzjoni imma nuqqas ta' rakkomandazzjoni ta' prosekuzzjoni fiha x'tiżen. Fil-fatt meta l-Maġ. D. Scicluna sar Imħallef hu astjena milli jieħu konjizzjoni tal-kawżi in kwistjoni li kienu ġew assenjati lilu. Ara p.e. verbal a fol 45 fic-Cit 75/90.*

*c) Il-Pulizija ma telqux l-oġġetti minn idejhom kif ġieb u laħaq għax kif joħroġ mid-Dok P1 ċitat diversi drabi f'din ir-Relazzjoni l-oġġetti treġġgħu lura lil Micallef "after proof of ownership was made to the Police". Micallef sa mill-bidunett (waqt it-tfittxija, fil-jumejn li dam arrestat u anke wara li nħeles) insista li kellu riċevuti u provi oħra li juru l-akkwist leġittmu ta' kull ma ġie sekwestrat mingħandu, mhux biss dawk l-oġġetti mertu ta' dina l-kawża. Wara battikata bħal dik, il-Pulizija żgur li mhux sempliċement ħaslu jdejhom!*

*d) Il-fatt li Micallef iddispona minn kull oġġetti ma jistax jitqies bħala univokament pass awtoinkolpanti jew aktarx hekk, meta tqis li dan hu negozjant u għalih id-dawrien tal-flus hu fattur importanti. Wara kollox il-fatt li l-"awtoritajiet" irritornawlu kollox għalih kien ifisser xi ħaġa!*

*47. Meta wieħed iqis dan kollu l-esponent hu tal-fehma li l-atturi ma ppruvawx sodisfaċentement u konkludentement it-talbiet tagħhom. Minħabba ċ-ċirkostanzi partikulari, hu suġġerit li kull parti tbagħti l-ispejjeż tagħha.*

*IV KONKLUŻJONIJIET (dwar il-kontro-talba)*

*48. Il-konvenut Dominic Micallef qed hawn jixli lill-atturi b'malafama u qerq u jippretendi risarċiment ta' danni sofferti.*

*49. Fir-rigward x'għamlu l-atturi? Hu fatt li sabu ruħhom misruqa mill-oġġetti li ssemmew u dwar dan saret inkjesta mill-Maġistrat. Meta l-Pulizija elevaw għadd ta' oġġetti mingħand Dominic Micallef, l-atturi ma kellhom ebda sehem fit-tfittxija u l-elevazzjoni tal-oġġetti – la direttament u lanqas indirettament. Ma kienux huma li bagħtu l-Pulizija għand Micallef.*

*50. Fuq inizjattiva tal-Pulizija l-atturi ssejħu l-Police H.Q. biex jaraw jidentifikawx ħwejjiġhom minn fost għadd ta' oġġetti li kellhom f'idejhom il-Pulzija. L-atturi, qabel daħlu fejn kienu esebiti l-oġġetti (li dwarhom anke sar avviż lill-pubbliku fuq il-mezzi tax-xandir) taw xi ndikazzjonijiet u meta raw l-oġġetti deherilhom li dawk li ndikaw lill-Pulizija kienu l-oġġetti tagħhom. Lil Dominic Micallef huma qatt ma rrinfaċċjawh.*

*51. L-esponent jiċċita s-segwenti mill-Appell Kriminali:-*

***"Il-Pulizija vs Joseph Gauci"** deċiża fit-3 ta' Setttembru 2001, fejn il-Qorti qalet hekk:*

*"… ma hemmx dubju li l-inġurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali trid tkun magħmula bil-ħsieb speċifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-ġieħ ta' ħaddieħor. Hi dottrina paċifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, eċċ.) ikunu manifestament inġurjużi, tali intenzjoni speċifika hi preżunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkużat li jipprova (imqar fuq bażi ta' probabbilta') li dawk il-kliem ma qalhomx bil-ħsieb li joltraġġja, iżda b'xi skop ieħor rikonoxxut mill-liġi li jinnewtralizza l-animus injuriandi. Hekk, per eżempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu animus corrigenda, jew animus consulendi, jew animus jocandi ma jistax jingħad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali (għalkemm fil-każ ta' kliem li jingħad animus jocandi jista' jkollok, fil-ligi tagħna, l-inġurja*

*kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)). L-istess jista' jingħad jekk persuna tkun raġjonevolment taħseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' ħaddieħor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax għal reat, jekk tkun raġjonevolment taħseb li qed issir xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għaliha jew għal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita' kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' nġurja. Kif ġie mfisser mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Emmanuele Baldacchino vs Stella Abela et" (Appell Kriminali, 6 ta' Diċembru 1948):*

*'… hu prinċipju sanċit mill-ġurisprudenza illi jekk persuna, għal raġunijiet tajba, tkun ġustifikata illi taħseb raġjonevolment, u mhux bla motiv ġust, illi ħaddieħor għamel reat għad-dannu tagħha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soġġetta għal proċeduri għall-inġurja. Iżda hi kondizzjoni, fost oħrajn, tal-applikabbilta' ta' dan il-prinċipju illi l-imputazzjoni għandha ssir bl-anqas pubbliċita' possibbli. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi ħadd preżenti, b'daqshekk il-privileġġ ma jintilifx neċċessarjament, basta li jirriżulta li l-imputazzjoni ma ġietx komunikata lil persuni oħra avviċinati bla bżonn.'*

*Din is-sentenza ġiet ċitata b'approvazzjoni sħiħa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza, 56/04/DS. **"Il-Pulizija vs Charles Camilleri"** deċiża fis-6 t'April 2005.*

*52. Dak li jingħad fis-sentenza msemmija, hu applikabbli b'mod sħiħ u pinġut għall-każ preżenti. L-atturi ma jirriżultax li b'xi mod tkellmu 'l hinn miċ-ċirku strettament neċessarju. Għalhekk it-talbiet dwar malafama ma jreġġux.*

*53. Interessanti ħafna l-insenjament li nsibu fis-sentenza tal-Appell Kriminali **"Francesco Cascun vs Reverendu Sacerdot Charles Vella"**, tat-18 ta' Mejju 1961 per Imħ. William Harding fejn jingħad illi:*

*"Mhix korretta l-propożizzjoni illi, meta l-kliem huma per se nġurjuzi, allura hemm preżunzjoni tal-"animus injuriandi" li teskludi kull prova ta' nuqqas ta' dak l-animu, ossija tal-*

*eżistenza ta' animu ieħor skriminanti. Il-propozizzjoni korretta hija illi, meta l-kliem huma per se inġurjuzi, allura hemm il-preżunzjoni li ġew pronunzjati bil-kuxjenza li wieħed ikun qiegħed jiddivulga propożizzjoni nfamanti iżda din il-preżunzjoni hija "jiuris tantum" u seħħ "donec probetur contrarium". U għalhekk id-differenza hija verament fl-oneri tal-prova; jiġifieri illi, meta l-kliem per se ma jkunux inġurjużi, allura hu dmir tal-kwerellant li qabel xejn jipprova l-karattru nġurjuż tagħhom, u jkun obbligu tiegħu li jipprova l-"innuendo"; u meta l-kliem ikunu "ex facie" tagħhom stess inġurjuzi, allura jinxteħet fuq il-kwerelat l-obbligu li jeskludi l-"animus injuriandi" li jiġi preżunt favur il-kwerellant in bażi għall-karattru manifestament inġurjuż tagħhom.*

*55. (sic) Anqas jirriżulta li meta nħareġ il-Mandat nru 79/90 indikat fl-ewwel kontro-talba dan sar mill-atturi <u>b'qerq</u> kif qed jallega Dominic Micallef. Hawn ta' min jinnota, li <u>minkejja dan il-mandat</u>, Dominic Micallef xorta waħda ddispona mill-oġġetti in kwistjoni li biegħhom lil terzi "ignoti" fis-sens li anqas quddiem din il-Qorti ma seta' jindika isimhom sew. Fuq kollox, meta Qorti tasal għall-konklużjoni li "actore non probante reus absolvitur" tkun qed tgħid biss li l-attur ma rnexxielux <u>jipprova</u>, ma tkun qed tgħid xejn iżjed minn hekk. Ma tkunx qed tasserixxi xi prova oħra.*

*56. Fil-fehma tal-esponent (1) l-ewwel kontro-talba, għandha tiġi milqugħa limitatament billi jiġi ordnat it-tħassir tal-mandat bla ma iżda jiżdied li dan ħareġ b'qerq u (2) il-bqija tal-kontro-talbiet għandhom jiġu miċħuda u, fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-kontro-talbiet kollha jbagħtihom Dominic Micallef.*

*Daqstant l-esponent għandu x'jissottometti għall-kunsiderazzjoni ta' din l-Onor Qorti."*

Il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn il-konklużjonijet għaliex għalkemm huwa kundannabli li l-konvenut ma obdiex l-ordni tal-Qorti u ddispona mill-oġġetti, dan ma jfissix li b'daqshekk l-atturi ġabu prova suffiċjenti biex it-talba tagħhom tiġi milqugħa; fl-istess ħin dan ma jfissirx li

l-konvenut għandu raġun fit-talbiet tiegħu. Naturalment il-fatt li l-atturi baqgħu kontumaċji ma jfissirx li ammettew it-talba, anzi jfisser li kkontestawha.

Fl-aħħarnett il-Qorti, kif ġja' għamlet fil-kawża **"Micallef vs Lucchese"**, ma tistax ma tirrilevax b'dispjaċir fuq id-dewmien li kien hemm biex din il-kawża twasslet għas-sentenza; ir-raġuni għaliex dan ġara wieħed jista' jaraha faċilment minn eżami tal-proċess.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż tal-azzjoni tagħhom jkunu a kariku tal-atturi.**

**Fir-rigward tal-kontro-talba l-Qorti filwaqt li tordna t-tħassir tal-mandat 79/90, tiċħad it-talbiet l-oħra. L-ispejjeż tal-kontro-talba jiġu sopportati mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------